# IT-TRASPORT MARITTIMU: REGOLI TAT-TRAFFIKU U S-SIKUREZZA

F'dawn l-aħħar snin, diversi direttivi u regolamenti tal-UE tejbu ferm l-istandards ta' sikurezza fit-trasport marittimu. Dan it-titjib huwa primarjament ir-riżultat tat-tliet pakketti leġiżlattivi li kienu ġew adottati wara n-nawfraġji tal-bastimenti Erika u Prestige.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA U L-OBJETTIVI

It-Titolu VI, b'mod partikolari l-Artikoli 91(1)(c) u 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huwa l-bażi ġuridika. Is-sikurezza fuq il-baħar hija element ewlieni tal-politika tat-trasport marittimu għall-ħarsien tal-passiġġieri, il-membri tal-ekwipaġġ, l-ambjent tal-baħar u tar-reġjuni kostali. Fid-dawl tad-dimensjoni globali tat-trasport marittimu, l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) timplimenta standards internazzjonali uniformi. Il-ftehimiet internazzjonali prinċipali jinkludu l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (MARPOL), il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Baħħara (STCW). Filwaqt li l-emendar f'waqtu tal-liġi tal-UE biex jinkorpora dawn il-ftehimiet internazzjonali bbażati fuq il-liġi huwa objettiv ewlieni għall-politika tat-trasport marittimu tal-UE, miżuri addizzjonali huma adottati wkoll fil-livell tal-UE.

## IL-KISBIET

### A. Taħriġ u kwalifiki

Id-Direttiva 94/58/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar il-livell minimu ta' taħriġ għall-baħħara għamlet il-Konvenzjoni STCW tal-1978 liġi vinkolanti tal-UE. Fl-1995 saru reviżjonijiet sinifikanti tal-konvenzjoni, u għal darb'oħra fl-2010, li jikkorrispondu mar-reviżjonijiet għad-Direttiva tal-UE, li l-aħħar verżjoni tagħha hija d-Direttiva 2012/35/UE tal-21 ta' Novembru 2012. Din tispjega r-regoli dwar standards ta' taħriġ u kompetenza għaċ-ċertifikazzjoni tal-baħħara, kif ukoll taħriġ speċjalizzat regolat. Id-direttiva tittratta wkoll ir-rekwiżiti tal-Istati Membri dwar it-taħriġ tal-baħħara, il-komunikazzjoni bejn il-membri tal-ekwipaġġ, u l-verifika taċ-ċertifikati tal-membri tal-ekwipaġġ (kontroll mill-istat tal-port). Din tinkludi wkoll miżuri aktar b'saħħithom biex jiġġieldu ċ-ċertifikazzjoni falza, standards ogħla għall-kapaċità fiżika u taħriġ aġġornat fis-sigurtà.

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2016)0082 se tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 91/672/KEE u tipprovdi introduzzjoni gradwali permezz ta' miżuri tranżizzjonali biex jiġu estiżi r-rekwiżiti ta' kwalifiki professjonali lil hinn mil-livell ta' boat masters biex b'hekk ikun kopert l-ekwipaġġ kollu fin-navigazzjoni interna fl-UE. Id-direttiva aġġornata se tistabbilixxi l-obbligu għall-membri tal-ekwipaġġ u l-persuni responsabbli għal proċeduri ta' emerġenza li jkollhom ċertifikati ta' kwalifika. Boat masters li jbaħħru

f'ċirkostanzi perikolużi għandhom jiġu speċifikament awtorizzati biex jagħmlu dan u għandhom ikunu mitluba juru kompetenzi addizzjonali. Din il-proposta ġiet ivvutata fil-Kumitat TRAN fl-10 ta' Novembru 2016 u l-ftehim li jirriżulta min-negozjati interistituzzjonali huwa skedat li jiġi vvutat fil-plenarja f'Novembru 2017.

**B.** It-tagħmir marittimu

Id-Direttiva 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu kellha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tal-Konvenzjoni SOLAS dwar it-tagħmir marittimu ta' bastimenti kummerċjali u tagħmel ir-riżoluzzjonijiet tal-IMO li jirriżultaw minnha obbligatorji. Id-Direttiva 2012/32/UE emendat id-Direttiva 96/98/KE billi ssostitwiet l-Anness A biex tadattah għall-aktar emendi riċenti tal-konvenzjonijiet internazzjonali u l-istandards ta' ttestjar applikabbli. Id-Direttiva 2014/90/UE tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-tagħmir marittimu saħħet l-implimentazzjoni tar-regoli rilevanti u l-monitoraġġ tal-osservanza tagħhom.

**C.** Is-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-port

Il-Kodiċi ISPS (il-Kodiċi Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet) ġie adottat waqt konferenza tal-IMO fl-2002, flimkien ma' emendi ta' ftehimiet internazzjonali oħra. L-għan tal-kodiċi hu li vapuri u faċilitajiet tal-portijiet ikunu mħarsa aħjar. Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-31 ta' Marzu 2004 ġie mfassal biex jiggarantixxi interpretazzjoni u implimentazzjoni uniformi ta' deċiżjonijiet adottati mill-IMO. L-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE ġiet varata nhar l-24 ta' Ġunju 2014 bl-adozzjoni mill-Kunsill ta' att politiku u strateġiku sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi għas-sigurtà marittima permezz tal-użu tal-istrumenti kollha rilevanti internazzjonali, tal-UE u nazzjonali.

**D.** Is-sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri u l-ispezzjoni tal-bastimenti

Fid-Direttiva 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 ġew stabbiliti r-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet tal-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri (kumpaniji ta' klassifikazzjoni) u għall-attivitajiet relatati tal-amministrazzjonijiet marittimi. Is-sikurezza tal-vapuri b'servizz bi skeda bejn żewġ portijiet tal-UE hija rregolata bid-Direttiva 2009/45/KE tas-6 ta' Mejju 2009, li kkonsolidat u rriformulat ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri stabbiliti bid-Direttiva 98/18/KE. Id-Direttiva 98/41/KE tat-18 ta' Ġunju 1998 dwar ir-reġistrazzjoni ta' persuni li jbaħħru abbord vapuri tal-passiġġieri ppermettiet il-kontroll tal-għadd ta' passiġġieri u b'hekk azzjoni ta' salvataġġ aktar effikaċi f'każ ta' inċident.

Fl-2016, il-Kummissjoni ressqet tliet proposti leġiżlattivi, li kienu kollha vvutati fil-Kumitat TRAN fil-11 ta' April 2017 u fil-plenarja fl-4 ta' Ottubru 2017. L-ewwel proposta, COM(2016)0369 finali, li temenda d-Direttiva 2009/45/KE, għandha l-għan li tiċċara u tissemplifika r-regoli u l-istandards ta' sikurezza għall-vapuri tal-passiġġieri sabiex tagħmilhom aktar faċli biex jiġu aġġornati, immonitorjati u infurzati. L-emendi jinkludu t-tneħħija ta' referenzi inkonsistenti u żbaljati, jipprovdu definizzjonijiet ġodda ta' tipi differenti ta' vapuri, jiċċaraw id-definizzjoni ta' materjal ekwivalenti, ħlief għal vapuri ta' inqas minn 24 metru u jissemplifikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tal-baħar. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi bażi tad-data sabiex iżżid it-trasparenza u tiffaċilita n-notifika ta' eżenzjonijiet, l-ekwivalenzi u l-miżuri addizzjonali ta' sikurezza. It-tieni proposta, COM(2016)0370, se temenda d-Direttiva 98/41/KE sabiex taġġorna u tiċċara r-rekwiżiti eżistenti għall-għadd u għar-reġistrazzjoni tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ abbord il-vapuri tal-passiġġieri. L-emendi jinkludu l-aġġornament tad-definizzjoni ta' "żoni tal-port" sabiex jintroduċu informazzjoni dwar in-nazzjonalità tal-persuni abbord u jissostitwixxu r-rekwiżit għall-kumpaniji li jinħażnu l-listi tal-passiġġieri u l-ekwipaġġ billi jaħżnuhom fin-National Single Window minflok. It-tielet proposta, COM(2016)0371, hija li jiġi ssemplifikat ir-regolament eżistenti ta' sikurezza tal-vapuri tal-passiġġieri tal-UE billi tiġi emendata d-Direttiva 2009/16/KE u titħassar id-Direttiva 1999/35/KE. Il-proposta se taġġorna

u tiċċara r-rekwiżiti eżistenti tal-istħarriġ għal-laneċ ro-ro u bċejjeċ tal-baħar ta' veloċità għolja. Hija tinkludi punti dwar il-konformità tad-dispożizzjonijiet relatati mar-rapporti tal-ispezzjonijiet, il-projbizzjonijiet tat-tluq, l-appelli, l-ispejjeż, il-bażi tad-data għall-ispezzjonijiet u l-pieni. Il-proposta se tipprovdi sistema ta' spezzjonijiet fuq il-vapuri, qabel ma jibda s-servizz regolari, li tista' tiġi kkombinata ma' stħarriġ tal-Istat tal-bandiera fuq bażi annwali. Fl-23 ta' Ottubru 2017, il-Kunsill ta l-approvazzjoni għall-vot tal-Parlament dwar it-tliet proposti leġiżlattivi kollha.

**E.** L-iżviluppi wara l-inċidenti tal-bastimenti Erika u Prestige

Wara l-inċidenti tat-tankers Erika (1999) u Prestige (2002), l-istandards tas-sigurtà marittima tal-UE ssaħħew mill-ġdid b'mod konsiderevoli.

**1.** Il-pakkett "Erika I"

Id-Direttiva 2001/105/KE tad-19 ta' Diċembru 2001 saħħet u standardizzat id-dispożizzjonijiet ġuridiċi stabbiliti fid-Direttiva 94/57/KE rigward l-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji (ara t-taqsima preċedenti). B'mod partikolari, hija stabbiliet sistema ta' responsabbiltà f'każ ta' prova ta' negliġenza. Id-Direttiva 2001/106/KE tad-19 ta' Diċembru 2001 għamlet obbligatorju l-kontroll mill-istat tal-port għal ċerti bastimenti potenzjalment perikolużi u introduċiet "lista sewda" ta' vapuri li jistgħu jiġu rrifjutati l-aċċess għall-portijiet tal-UE.

Ir-Regolament (KE) Nru 417/2002 tat-18 ta' Frar 2002 stabbilixxa skeda ta' żmien fissa għat-tneħħija mis-servizz ta' tankers taż-żejt b'buq wieħed u li jridu jinbidlu b'bastimenti iktar sikuri li jkollhom buq doppju. Wara d-diżastru tat-tanker taż-żejt Prestige, ġiet adottata skeda ta' żmien aktar rigoruża fir-Regolament (KE) Nru 1726/2003 tat-22 ta' Lulju 2003. Imbagħad, ir-Regolament (UE) Nru 530/2012 tat-13 ta' Ġunju 2012 dwar l-introduzzjoni aċċellerata ta' rekwiżiti ta' ta' buq doppju jew ta' disinn ekwivalenti għal tankers taż-żejt b'buq wieħed ħassar ir-Regolament (KE) Nru 417/2002, u indirizza l-eżenzjonijiet potenzjali skont ir-regoli tal-IMO. Huwa speċifika li tankers taż-żejt b'buq doppju biss li jġorru żejt tqil jitħallew itajru l-bandiera ta' Stat Membru, u pprojbixxa t-tankers b'buq wieħed kollha, indipendentement mill-bandiera, mill-portijiet jew it-terminals lil hinn mix-xtut jew minn żoni ta' ankraġġ taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stati Membri.

**2.** Il-Pakkett "Erika II"

Id-Direttiva 2002/59/KE tas-27 ta' Ġunju 2002 stabbiliet sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (SafeSeaNet). L-operatur ta' kwalunkwe bastiment li jrid juża port ta' Stat Membru jrid l-ewwel jipprovdi ġabra ta' informazzjoni lill-awtoritajiet portwarji rilevanti, b'mod partikolari meta jkun qed iġorr tagħbijiet perikolużi jew li jistgħu jikkawżaw tniġġis. Din id-direttiva tagħmilha obbligatorja li jiġi installat tagħmir ta' sistemi ta' identifikazzjoni awtomatika (AIS) u tar-reġistraturi tad-data dwar il-vjaġġ magħrufa wkoll bħala "kaxxi suwed" fuq il-bastimenti. L-awtoritajiet tal-Istati Membri rilevanti għandhom id-dritt li ma jħallux bastimenti joħorġu minn port f'każ ta' kundizzjonijiet ħżiena tat-temp. Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tas-27 ta' Ġunju 2002 stabbilixxa l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA). Ir-rwol tal-EMSA hu li tagħti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni għajnuna xjentifika u teknika, kif ukoll li tiżgura li jiġu infurzati r-regoli ta' sigurtà fit-trasport marittimu. Biż-żmien, il-kompetenzi tal-EMSA twessgħu konsiderevolment u issa jkopru l-kontroll tat-tniġġis (għajnuna operattiva fuq talba ta' Stati Membri) u s-sistemi ta' monitoraġġ permezz tas-satellita. Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-15 ta' Jannar 2013 emenda r-Regolament tal-EMSA biex iċċara l-kompiti ewlenin u anċillari

tal-EMSA, filwaqt li ta dettalji dwar ir-rwol li għandha tiżvolġi sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, billi:

— tiżviluppa u tħaddem l-Identifikazzjoni u Traċċar mill-Bogħod ta' Bastimenti tal-UE (LRIT), iċ-Ċentru Ewropew tad-Data u s-SafeSeaNet;

— tipprovdi l-pożizzjoni tal-bastiment rilevanti u d-data ta' osservazzjoni tad-dinja lill-awtoritjiet nazzjonali kompetenti u l-korpi rilevanti tal-Unjoni; u

— tipprovdi l-appoġġ operattiv lill-Istati Membri rigward investigazzjonijiet marbuta ma' diżgrazzji serji.

**3.** It-tielet pakkett dwar is-sigurtà marittima u kontroll mill-Istat tal-port

Wara negozjati diffiċli, il-Parlament u l-Kunsill laħqu ftehim f'Diċembru 2008 dwar it-tielet pakkett leġiżlattiv li huwa magħmul minn żewġ regolamenti u sitt direttivi:

— Verżjoni mfassla mill-ġdid tad-Direttiva tal-kontroll tal-Istat tal-Port (Direttiva 2009/16/KE tat-23 ta' April 2009) biex jiġu żgurati spezzjonijiet iktar spissi u iktar effikaċi skont mekkaniżmi ta' monitoraġġ ġodda marbuta mar-riskju potenzjali, biex b'hekk il-proċeduri, l-istrumenti u l-ħidma li saret f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi jinġiebu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE;

— id-Direttiva 2009/21/KE tat-23 ta' April 2009 dwar rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera, maħsuba biex tippermetti monitoraġġ iktar effikaċi taż-żamma mad-dispożizzjonijiet internazzjonali min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru;

— id-Direttiva 2009/17/KE tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 2002/59/KE li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità (SafeSeaNet), li għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet legali qafas fir-rigward ta' ankraġġi ta' emerġenza għal vapuri fil-għawġ u li tespandi iktar is-SafeSeaNet;

— ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 u d-Direttiva 2009/15/KE tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxu regoli u standards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri, jintroduċu sistema indipendenti ta' kontroll tal-kwalità biex telimina n-nuqqasijiet li kien għad hemm fil-proċeduri ta' spezzjoni u ċertifikazzjoni applikati għall-flotta dinjija;

— id-Direttiva 2009/18/KE tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu, li tistipula l-prinċipji standard għat-twettiq ta' investigazzjonijiet fuq il-baħar ta' diżgrazzji u inċidenti marittimi li jinvolvu bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE u li jseħħu fil-baħar territorjali jew fl-ilmijiet interni ta' Stat Membru. Id-direttiva waqqfet ukoll sistema biex jingħaqdu flimkien is-sejbiet, imsejħa "qafas ta' kooperazzjoni permanenti" bejn l-EMSA, il-Kummissjoni u l-Istati Membri;

— ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (ibbażat fuq il-Konvenzjoni ta' Ateni tal-1974 dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, kif emendata bil-Protokoll tal-2002);

— id-Direttiva 2009/20/KE tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-kontroll tal-Istat tal-port fuq iċ-ċertifikati tal-assigurazzjoni tas-sidien ta' vapuri għall-pretensjonijiet marittimi (soġġetti għal limiti taħt il-Konvenzjoni dwar il-Limitazzjoni tar-Responsabbiltà għal Talbiet Marittimi (LLMC), 1976, kif emendata mill-Protokoll tal-1996).

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament ilu jappoġġa inizjattivi fil-qasam tas-sikurezza marittima u ħadem biex isir progress f'dan il-qasam. Iż-żewġ pakketti Erika tas-sigurtà marittima ngħataw l-appoġġ tal-Parlament u ġew konklużi b'mod rapidu filwaqt li żguraw titjib notevoli. Il-Parlament appella wkoll għat-twaqqif ta' servizz tal-gwardja kostali Ewropea, għall-pilotaġġ f'żoni ekoloġikament sensittivi u diffiċli, kif ukoll għal strutturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' tmexxija fl-Istati Membri (b'mod partikolari marbuta mal-allokazzjoni obbligatorja ta' żona ta' rifuġju jew port ta' emerġenza).

Fir-rigward tar-rieżami tad-Direttiva dwar sistema Ewropea għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti (SafeSeaNet), il-Parlament żgura li l-Istati Membri jeħtiġilhom jaħtru awtorità xierqa li tkun tista' tieħu d-deċiżjonijiet dwar kif jista' jiġi evitat li l-bastimenti jiġġarrfu u f'liema port jintlaqa' l-vapur li jeħtieġ l-għajnuna.

Qafas ġuridiku għall-portijiet ta' rifuġju, li l-Parlament kien diġà talab diversi drabi, huwa rekwiżit essenzjali biex tittejjeb is-sigurtà tat-trasport marittimu. B'hekk il-Parlament, mill-ewwel sat-tielet pakkett dwar is-sigurtà marittima (partikolarment permezz tal-Kumitat Temporanju għat-Titjib tas-Sigurtà Marittima (MARE)) fl-2004, kien dak li mexxa 'l quddiem titjib apprezzabbli fil-qasam tas-sigurtà marittima.

Fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-EMSA, il-Parlament talab li l-attivitajiet tal-Aġenzija jkunu aktar vasti. Irrakkomanda speċifikament li s-sistemi tagħha għall-kontroll tat-traffiku jistgħu jikkontribwixxu għal spazju marittimu Ewropew bla ostakli li jippermetti li l-merkanzija u l-passiġġieri jiġu ttrasportati bil-baħar bejn l-Istati Membri bla formalitajiet miżjuda fuq dawk applikabbli għat-trasport bit-triq. Il-Parlament, billi adotta mal-Kunsill ir-Regolament (UE) Nru 911/2014 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-EMSA fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, għen sabiex l-Aġenzija tiġi assenjata EUR 160,5 miljun għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Christina Ratcliff
11/2017